MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 530/2012

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-esponenti zzewget f'Malta fil-knisja tal-Furjana nhar l-1 ta' Frar 1981.
2. Illi dan iz-zwieg giet registrat fir-Registru Pubbliku att numru 1463/1997 b'kopja tac-certifikat anness u mmarkat Dok. A.
3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal Miguel u Andrew li huma kollha maggorenni.
4. Illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u l-partijiet kienu gew debitament separati permezz ta' sentenza tas-

26 ta' Jannar 2012 326/04/NC kopja hawn annessa u mmarkata Dok. B.
5. Illi l-partijiet ilhom pero` separati de facto sa mill-2005 u dan anke skond l-anness Dok. C ;
6. Illi ghalhekk l-esponenti ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin ;
7. Illi ma hemmx possibilta` li l-kontendenti jerghu jirrikonciljaw ;
8. Illi m'hemmx kwistjonijiet ta' manteniment ;
9. Illi ghalhekk ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a)Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn bejn il-partijiet nhar l-1 ta' Frar 1981 jigi mahlul u dikjarat bhal xolt;
b)Tordna li s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata lid- Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi.
c)Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha opportun u xieraq.
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2012;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, ma ipprezentax risposta u ma deherx ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza datata 26 ta' Jannar 2012 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------